

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Tinbagħat Minn Dan Il-pajjiż Għal Pajjiż Ieħor Tal-UE](#) > [Poland](#)

Jekk it-talba tiegħi se tinbagħat minn dan il-pajjiż għal pajjiż ieħor tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Polonja



Polonja

Liema awtorità tgħinni nibgħat talba f'pajjiż ieħor tal-UE?

Il-kompiti tal-awtorità ta' assistenza huma stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE. Jissemew ukoll fil-Liġi dwar il-Kumpens mill-Istat għall-Vittmi ta' Ċerti Reati tas-7 ta' Lulju 2005 (il-Ġurnal tal-Liġijiet tal-2016, il-punt 325).

F'konformità mal-Liġi msemmija hawn fuq, l-awtorità ta' assistenza fir-Repubblika tal-Polonja kompetenti għall-ksib ta' kumpens għal vittma ta' reat imwettaq fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea b'residenza abitwali fil-Polonja tkun il-prosekutur distrettwali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu l-persuna intitolata għall-kumpens ikollha r-residenza abitwali tagħha.

X'inhu r-rwol tal-awtorità ta' assistenza?

L-awtorità ta' assistenza tipprovdil lil min japplika għall-kumpens fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea l-informazzjoni meħtieġa dwar il-possibiltajiet u l-kundizzjonijiet biex wieħed japplika għall-kumpens mogħti mill-awtoritajiet kontraenti fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea meta r-reat ikun sar fit-territorju ta' dawk l-Istati, tqiegħed għad-disponibbiltà l-mudell tal-formola ta' applikazzjoni rilevanti u tipprovdil informazzjoni u assistenza ġenerali dwar kif timtela l-applikazzjoni.

L-awtorità ta' assistenza tirċievi u tittrażmetti minnufih l-applikazzjonijiet għall-kumpens, flimkien mad-dokumentazzjoni meħtieġa, lill-awtoritajiet kontraenti fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, permezz tal-formola mħejjija mill-Kummissjoni Ewropea.

Dik l-awtorità se tittraduċi d-dokumenti ta' sostenn, jekk dan ikun meħtieġ għall-fini li l-applikazzjoni tingħadda lill-korpi li jmiss? Jekk iva, min iħallas għat-traduzzjoni?

Il-kompitu ewlieni tal-awtorità ta' assistenza huwa li tirċievi u tgħaddi l-applikazzjonijiet għall-kumpens lill-awtoritajiet kontraenti fil-pajjiżi individwali tal-UE.

L-awtorità ta' assistenza fir-Repubblika tal-Polonja se tgħaddi lill-awtorità ta' assistenza u lill-awtorità kontraenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea l-korrispondenza relatata mal-kumpens b'lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat jew b'lingwa oħra indikata minn dak l-Istat, dment li r-rapporti tas-seduti li jsiru mill-awtorità ta' assistenza dwar il-kumpens jiġu riċevuti u trażmessi bil-lingwa uffiċjali tal-Istat li fih ikunu tfasslu.

L-ispejjeż tal-azzjonijiet li jittieħdu mill-awtoritajiet ta' assistenza fir-Repubblika tal-Polonja, inklużi l-ispejjeż għat-traduzzjoni tad-dokumenti trażmessi lill-korpi kontraenti fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġġarbu mit-Teżor tal-Istat. Skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, dawk l-ispejjeż ma għandhomx jitħallsu mill-vittma ta' reat.

Hemm imposti amministrattivi jew imposti oħrajn li jridu jitħallsu meta t-talba tintbagħat pajjiż ieħor?

It-tweġiba ngħatat hawn fuq. Il-vittma ta' reat ma ġġarrab l-ebda spiża.

■ L-aħħar aġġornament: 16/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.